# *L-Armar u t-Tiżjin tal-Festa*

## *Sal-ewwel kwart tas-seklu għoxrin u proġetti ġodda għal din is-sena*

Anton Said



Disinn ta' armar u tiżjin bikri għall-festa tal-Imnarja.
Illustrazzjoni bil-firma tas-Sur Anstide Bonnici li ġġib id-data tat-23 ta' Marzu 1883.
Awla Kapitulari Insinji Kolleġġjata u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl – Nadur.

Il-festa tal-Imnarja fin-Nadur minn dejjem kienet waħda li tiġbed folol kbar ta' nies. Il-fatturi ewlenin li għamlu din il-festa waħda kbira u anzjana fil-popolarita` huma diversi:-

i) il-festa nfisha ta' Solennita` Universali tal-Knisja Kattolika, ii) l-importanza u l-kobor tal-lokalita`, iii) s-sbuħija tat-tempju monumentali, iv) u l-mod kif tiġi ċċelebrata l-festa nfisha, huma ċertament uħud mir-raġunijiet ewlenin ta' dan kollu.

Ma' dan hemm ukoll l-armar u t-tiżjin tat-toroq prinċipali fil-ġranet tal-festa, li għandhom ukoll sehem importanti għal dan is-suċċess. Ma rridux naħsbu li fi żminijiet imgħoddija, dawn kienu simili għal dak li nafu bihom illum. Kuntrarjament, l-armar u t-tiżjin tal-festa, kif ukoll il-festa nfisha, dari kienu differenti, u kienu mhux ħlief jirriflettu l-qagħda soċjali taż-żmien.

### L-Illuminazzjoni tat-Toroq

Bla dubju ta' xejn l-illuminazzjoni jew aħjar il-mixegħla tat-toroq u l-pjazez tan-Nadur fil-ġranet tal-festa matul is-sigħat ta' filgħaxija, tista` tgħid li kienet t-tiżjin prinċipali estern tal-ewwel żminijiet bikrija tal-festa fin-Nadur.

Fi żmien t-tmexxija tal-Kappillan Dun Nikola Spiteri (1828 – 1853), mix-xhieda mniżżla b'tant reqqa fir-reġistri tal-*Veneranda Lampada*, li fihom kien jiġi rreġistrat il-ħruġ u dħul tal-Parroċċa, nafu li fi żmien il-festa titulari kienu jintefqu ammont ta' flejjes biex jinxtara ż-żejt għall-mixegħla tat-toroq. Fis-sena 1834 saru spejjeż biex jinxtraw tnax-il fjakkola.[i] Ma' dan kienu jinxtraw ukoll xaħam u żift biex ikunu jistgħu jinxtegħlu. Fis-sena 1855 saru spejjeż għal xi fanali li tqiegħdu 'l hawn u 'l hemm mat-toroq. [ii]

Impressjonanti huwa r-rapport li deher fil-ġurnal *'Risorgimento'* tas-27 ta' Ġunju 1888 li f'paġna tnejn jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet li kienu ser isiru f'lejlet u nhar il-festa tal-Imnarja ta' dik is-sena. Dan il-ġurnal isemmi li fost il-festeġġjamenti esterni kien ser ikun hemm illuminazzjonijiet, logħob pitrotekniku u baned mużikali. [iii]

### Il-Purċissjoni u t-Tiżjin bikri

Missirijietna għall-festa tal-Patruni tagħna San Pietru u San Pawl, minbarra li kienu iżejnu t-tempju monumentali tagħna bl-aqwa oġġetti sagri, kienu jarmaw ukoll bl-aħjar li jistgħu t-toroq prinċipali. Għalkemm il-purċissjoni kienet issir bla statwa titulari, din xorta waħda kellha l-importanza tagħha. Fis-sena 1833 saret bis-sehem ta' daqqaqa tat-tanbur u tal-fifra, filwaqt li tliet snin wara għal din il-purċissjoni kien ġie mistieden kantant, li minbarra s-sehem tiegħu ġewwa l-knisja parrokkjali, huwa kien ukoll ta servizz waqt il-purċissjoni. Fis-sena 1838 imbagħad kienet ħadet sehem ukoll banda. [iv] Jidher ċar li f'dawn is-snin kien hemm ukoll ix-xewqa li bħal parroċċi oħra, in-Nadur ikollu wkoll l-istatwa titulari tiegħu. Fil-fatt lejn is-sena 1866 kien twaqqaf kumitat proprju għal dan il-għan. [v] Għalkemm ma għandna l-ebda rikordju, hu żgur li f'dawn is-snin bikrija t-toroq li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni kienu bdew ukoll jaraw l-ewwel sinjali ta' tiżjin.

Ċertament fost l-ewwel tiżjin li deher fit-toroq tagħna kienu l-ħbula tal-liedna, li kienu jkunu magħmula minn kwantita` kbira ta' weraq tar-rand u ħarrub marbuta flimkien. Nistgħu naħsbu kif missirijietna f'dawn iż-żminijiet b'liema mħabba lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl kienu jaħdmu dan ix-xogħol kollu għal sigħat twal, fil-ftit jiem ta' qabel il-festa.

### L-Armar bit-Tazzi taż-Żejt

Bil-miġja tal-istatwa titulari fis-sena 1882, il-festa ħadet żvolta differenti u l-purċissjoni żviluppat għal dik kif



*L-istatwa titulari fuq iz-zuntier tal-Knisja. F'dan ir-ritratt tidher il-faċċata tal-knisja qabel il-bini tan-navi armata bit-tazzi taż-żejt u parti mill-'arkati' li kienu jintramaw fuq iz-zuntier. Fuq il-lemin jidhru sewwa diversi persuni fuq il-pedamenti tan-navi li l-ewwel ġebla tagħhom tqiegħdet fis-sena 1907.*



*Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla nhar l-Imnarja tas-sena 1912 iddoqq fuq il-pjattaforma li kienet tintrama qabel ma' kien ġie akkwistat il-palk tal-Banda fis-sena 1919. Jidher sewwa fi stadju avvanzat il-bini tal-faċċata tal-Knisja.*

nafuha llum bid-differenza li sas-sena 1914 din kienet issir fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Lejn tmiem is-seklu dsatax, hu żgur li l-attrazzjoni prinċipali ta' armar festiv fin-Nadur kienu l-mijiet ta' tazzi kkuluriti li kienu jinxtegħlu biż-żejt, li kienu jżejnu l-faċċata tal-knisja parrokkjali. M'hemmx dubju li din l-attrazzjoni kienet diġa` ssir ta' kull sena sa mill-aħħar snin tas-seklu msemmi minn Spiru Mallia, minn Birkirkara, li kien magħruf aħjar bħala Spiru tat-tazzi. Dan joħroġ ċar minn korrispondenza li l-istess Spiru kiteb lill-Arċipriet Ġużeppi Cassar fit-3 ta' Ġunju 1928 li tinsab ikkonservata fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali. [vi] Spiru minbarra li kien jaqla' xi ħaġa ta' dan ix-xogħol, hu kien ukoll idaħħal xi ħaġa oħra tal-flus mill-kiri ta' dawn it-tazzi u minn xi armar ieħor li kien jikri għal jiem tal-festa.

### Armar ieħor

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali kienu ukoll jintramaw l-arkati tal-ħadid fuq kolonni tal-injam li magħhom kienu wkoll jitpoġġew it-tazzi kkururiti msemmija. Dawn kienu joħolqu atmosfera mill-isbaħ meta kienu jinxtegħlu filgħaxija. 'L-arkati' kif kienu magħrufa min-Nadurin, kienu jintramaw jiem qabel il-festa permezz ta' żewġ antarjoli fuq kull naħa, maqgħuda flimkien forma ta' 'V' maqluba, u permezz tal-ħbula dawn kienu jitpoġġew f'posthom b'ħeġġa minn numru ta' rġiel li ta' kull sena kienu jkunu qed jistennew dan l-avveniment. [vii] Illum il-ġurnata l-kolonni tal-injam ta' dawn l-arkati ġew irrestawrati u fil-festa dawn jintramaw fi Triq San Ġwann. Ma' dawn, f'dan iż-żmien kien jintrama armar ieħor bit-tazzi taż-żejt. Il-pilandri, kif huma magħrufa, kienu jintramaw ukoll fil-pjazzetta u fit-toroq li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni. Dawn kienu ġeneralment jinxtegħlu fl-aħħar jiem tal-festa jiġifieri fil-jiem tas-27, 28 u 29 ta' Ġunju. F'dawn it-toroq kienu wkoll jintramaw numru ta' trofej li kienu jkunu mżejna bil-bnadar magħhom. [viii] Mir-rendikont tal-festa tal-1909 nafu li f'din is-sena kienu saru xi spejjeż għall-kiri ta' xi armar. Dan kien jikkonsisti f'għoxrin piramida flimkien ma' għoxrin trofew. [ix]

### Jinxtara l-Palk tal-Banda

L-armar tal-festa tal-Appostli San Pietru u San Pawl ħa spinta 'l quddiem meta fi Frar tas-sena 1919 inxtara l-palk tal-banda mingħand is-Soċjetà Filarmonika Leone tal-belt Victoria. Dan il-palk li kien iżżanżan mill-Banda Leone fis-sena 1914, sewa s-somma ta' ħmistax-il lira u nofs.[x] Meta nxtara, dan ma kienx għadu komplut minn kollox, għalhekk kien tqabbad Fonzu Vella, imlaqqam 'Ta' Fatti', li fil-ħanut tiegħu tax-xogħol li kellu fi Triq il-Kbira (Strada Rjali), huwa ħadem diversi ornamenti għalih, fosthom il-balavostri. Ma' dawn kienu nħadmu wkoll l-istatwi għand l-istatwarju Wistinu Camilleri. L-offerti biex seta' nxtara dan il-palk kienu nġabru minn diversi benefatturi li kien deher għalihom bħala xerrej Ġużeppi Spiteri.[xi] It-trasport ta' dan il-palk lejn in-Nadur li sar fl-istess xahar li nxtara, kien sar minn Mikiel Theuma, Karmnu Cefai u Spiru Vella mill-belt Victoria. Għal dan ix-xogħol l-imsemmija persuni kienu tħallsu 15-il xelin.[xii] F'dawk iż-żminijiet kienet ġiet akkwistata wkoll kamra mingħand Dun Karm Caruana għall-ħlas ta' lira u nofs kera biex fiha seta' jintrefa' dan il-palk matul is-sena. [xiii]

### L-Ewwel Statwa u Pedestal fil-Pjazza

Żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Martin Camilleri ra wkoll l-ewwel statwa tal-Appostli San Pietru u San Pawl għal barra. Din l-istatwa, li kienet iġġib ix-xbiha ta' Ġesu` jagħti l-imfietaħ lil San Pietru u s-salib lil San Pawl, kienet inħadmet mill-istatwarju Karmnu Mallia fil-kartapesta. Snin wara fi żmien l-Arċipriet Dun Anton Camilleri, għal din l-istatwa kien inħadem ukoll pedestal fl-injam li kien tħallas mill-benefattur Ġanni Cauchi. Dan kien sar fuq disinn tal-iskultur Ġanni Bonnici. Illum minn din l-opra ma baqa` xejn ħlief żewġ anġli li huma ppreservati mill-parroċċa u li ta' kull sena dawn jintramaw ma' ġenb il-Korp Sant ta' San Koronatu fil-festa tiegħu f'Novembru, kif ukoll fis-Sepulkru fil-Ġimgħa Mqaddsa. [xiv]



*Il-Banda Sant' Elena fil-festa tas-sena 1926.*



*Il-pedestal l-antik. Ritratt meħud fis-sena 1926.*


156

Attivo

| 1919 | | | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|---|
| Febr. | 1 | Bilancio | 3 | 14 | – |
| | 3 | Bigliardo e Carte | – | 15 | 4 |
| | 8 | Do. do. | | 8 | 9 |
| | 12 | Do. do. | | 12 | 1 |
| | 15 | Do. do. | | 11 | 6 |
| | 17 | Do. do. | | 9 | – |
| | 23 | Do. do. | | 6 | 2 |
| | 28 | Do. do. | | 7 | 9 |
| | | Vendita del nuovo palco a Gio. Spiteri | 15 | 10 | – |
| | | | 22 | 14 | 7 |

Passivo

| 1919 | | | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|---|
| Febr. | 8 | 2 galloni Petrolio | – | 4 | 9 |
| " | 17 | Fitto del Casino del sem. sc. in Dic. 1918 | 7 | – | – |
| | | Pagato a Michele Teuma, Carm. Cefai e Spirid. Vella, per stima, commissione e trasporto del Palco | – | 15 | – |
| | | Piccole spese (compresi 2 telefoni) | | 2 | 6 |
| | 28 | Salario al Bidello | 1 | – | – |
| | | | 9 | 2 | 3 |
| | | Bilancio | 13 | 12 | 4 |
| | | | 22 | 14 | 7 |

*Estrazzjoni dwar ix-xiri tal-palk tal-banda u tat-trasport tiegħu lejn in-Nadur ta' disgħin sena ilu meħuda mill-Libro Cassa (1903-1922) tal-Banda Leone.*
*Mogħtija bil-kortesija tas-Soċjetà Filarmonika Leone A.D. 1863 tal-belt Victoria.*



*Triq Rakela Camilleri kantuniera ma' Triq Xandriku armata għall-festa. Ritratt meħud fiż-żmien il-parrokat tal-Arċipriet Dun Martin Camilleri. (1910 – 1921)*

### Jibda jinħadem l-armar tat-toroq

Fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin l-armar tat-toroq ma baqax ikkonċentrat biss fiċ-ċentru tar-raħal iżda beda jinfirex ukoll fit-toroq li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni. Tard fiż-żmien li qed insemmu, minn kaxxi mdaqqsa tal-injam li kienu jintużaw għal ġarr tal-merkanzija, għal Triq il-Kbira (Strada Rjali), kienu bdew jinħadmu diversi kolonni għall-pilandri u t-trofej. Dan l-armar li sal-ġurnata tal-lum għadu jintuża, kien inħadem kollu b'tant reqqa minn Karmnu Camilleri 'Is-Susu'.[xv] Pupul Cauchi, li proprju trabba u għex f'din it-triq, jiftakar sewwa fi tfulitu lil Karmnu 'Is-Susu' jaħdem b'arkett fuq dan l-armar. Pupul jiftakar ukoll li f'dan iż-żmien, fi Triq Xandriku kien jintrama armar ieħor diffrenti minn dak li hemm illum. Dan l-armar kien jikkonsisti f'kolonni irqaq bit-trofej li fil-jiem tal-festa dawn kienu jiżżejnu b'diversi bnadar.

### Tiżjin bid-Dawl Elettriku

Lejn tmiem l-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, għall-festa titulari kien beda jsir użu mid-dawl elettriku. Fis-sena 1926 kienet intefqet is-somma, li għal dak iż-żmien kienet kbira ta' ħdax-il lira għall-konsum tad-dawl. Id-dawl elettriku kien jiġi provdut permezz ta' ġeneratur, li kien inġieb minn Malta. F'dan iż-żmien kien għadu jsir użu wkoll mill-fjakkli u li għalihom fis-sena msemmija kienet intefqet is-somma ta' għoxrin lira fi spejjeż għax-xiri taż-żejt u tal-pitrolju.[xvi]

### Proġetti Ġodda għal din is-sena

Din is-sena mhix eċċezzjoni u bħas-snin l-imgħoddija għall-festa tal-Imnarja ser nerġgħu naraw numru ta' proġetti u inizzjattivi ġodda ta' armar iffinalizzati. Għal bosta sigħat matul l-aħħar xhur, numru ta' persuni, membri ta' diversi kumitati tat-toroq tal-armar, għamlu xogħol utli fl-imħażen, jirrestawraw jew jaħdmu armar ġdid, biex dan ikun jista' jitgawda minna fil-jiem tal-festa tagħna. Dan kollu sar bi mħabba kbira lejn l-Appostli Patruni tagħna San Pietru u San Pawl u b'sagrifiċċju personali. Għalhekk jixraq li minn dawn il-paġni nuru kull apprezzament lejn dawn il-persuni, li bħal dawk ta' qabilna, dawn ukoll qed ikomplu jsostnu, permezz tal-ħiliet tagħhom, dan il-patrimonju li ta' kull sena jkun qed iżejjen it-toroq prinċipali tagħna fil-festa popolari tal-Imnarja.


Referenzi:

i) *Veneranda Lampada* Hruġ-Dħul, ii) *'In-Nadur'* Vol II Alex Bonnici paġna 42, iii) *'Risorgimento'* 27.6.1888, No 3550, *Festa al Nadur* paġna 2, iv) *'In-Nadur'* Vol II Alex Bonnici paġna 42, v) *Ibid*. paġna 61, vi) *Ibid*. paġna 411, vii) Tagħrif mogħti lill-awtur minn Ġużeppi Magro, viii) *'In-Nadur'* Vol II paġna 217, ix) *Veneranda Lampada* Hruġ-Dħul, x) *Libro Cassa* 1903-1922 Soċ. Fil. Leone A.D. 1863. xi) *'In-Nadur'* Vol II, paġni 220-221, xii) *Libro Cassa* 1903-1922 Soċ. Fil. Leone A.D. 1863. xiii) *'In-Nadur'* Vol II paġni 220-221, xiv) *'In-Nadur'* Vol II paġna 365.xv) Tagħrif mogħti lill-awtur minn Pupul Cauchi. xvi) *'In-Nadur'* Vol I, paġna 363.




*Pjazza San Pietru u San Pawl armata għal festa tas-sena 1926. F'dan ir-ritratt jidhru l-ornamenti bit-tazzi taż-żejt li kienu jdawru l-palk, u l-festun bil-lampi marbut ma' numru ta' antarjoli madwar l-istess palk li kien jinxtegħel permezz ta' ġeneratur.*



*Il-Palk tal-Banda li nxtara mingħand il-Banda Leone fis-sena 1919.*
*Ritratt meħud fis-sena 1926.*

# *Proġetti Ġodda*

### Triq Xandriku

Restawr u manutenzjoni fuq numru ta' statwi minn Ġużeppi Magro.

### Pjazza San Pietru u San Pawl

Restawr, irħamar u induratura tal-Pedestal tal-Appostli San Pietru u San Pawl minn Joseph Cauchi megħjun mill-membri tal-Kumitat.

### Triq il-Knisja

Xogħol ta' restawr u manutenzjoni fuq l-antarjoli u pavaljuni mill-membri tal-Kumitat.

### Triq il-Kappillan

Irħamar fuq erba' pedestalli minn James Azzopardi.

### Triq Diċembru 13

Tkomplija tad-dekorazzjoni tal-pedestal u l-bradella tal-istatwa tal-Għoti tal-Missjoni lill-Appostli San Pietru u San Pawl minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi megħjuna mill-membri tal-Kumitat.
Żewġ kolonni ġodda minn sett ta' tnejn u għoxrin fuq disinn ta' Adonai Camilleri Cauchi.

### Triq it-Tramuntana

Pavaljun ġdid tad-dawl maħdum mill-membri tal-Kumitat tat-triq.

### Triq San Ġwann

Xogħol fuq kolonni ġodda mill-membri tal-Kumitat li saru fuq disinn ta' Michael Camilleri Cauchi.

*Proġetti ġodda għal din is-sena.*